

32001D0106

9.2.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 39/39

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Jannar 2001

li twaqqaf mudell għal-listi ta' unità approvati mill-Istati Membri għal kummerċ bejn il-Komunità fannimali ħajjin, semen u embrijoni u r-regoli li japplikaw għat-trasmissjoni ta' dawn il-listi lill-Kummissjoni

(notifikata taħt id-dokument numru K(2001) 143)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/106/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 fuq il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Komunità fannimali bovini u suwini ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2000/25/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li twaqqaf il-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ bejn il-Komunità fi u l-importazzjoni ta' sperma ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina ⁽³⁾, kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 fuq il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ bejn il-Komunità fi u importazzjoni minn pajjiżi li mhumiex membri ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina ⁽⁴⁾, kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi li m'humix membri ta' *equidae* ⁽⁵⁾, kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li twaqqaf il-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ bejn il-Komunità fi u importazzjoni ta' semen ta' animal domestiċi ta' l-ispeċi porċina ⁽⁶⁾ kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 1999/608/KE ⁽⁷⁾, l-Artikolu 5(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE ⁽⁸⁾ tat-28 ta' Jannar 1991 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li

jigvernaw il-kummerċ bejn il-Komunità ta' annimali ovini u kaprini, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 94/953/KE ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(9) tagħha,

Billi:

- (1) Kummerċ bejn il-Komunità ta' annimali bovini, porċini, ovini, karprini u ekwini huwa permess minn ċentri ta' laqgħat approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn jinstabu.
- (2) Kummerċ bejn il-Komunità ta' sperma ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina u porċina huwa permess minn ċentri approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn jinstabu.
- (3) Kummerċ bejn il-Komunità ta' embrijoni u ovuli ta' l-ispeċi bovina huwa permess jekk ikunu nġabru, ġew proċessati u maħżuna minn gruppi ta' nies li jgħbru l-embrijoni approvati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn jinstabu.
- (4) Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-lista ta' ċentri ta' laqgħat, ċentri ta' għbir ta' sperma u t-tim tal-għbir ta' l-embrijoni li jkun approvat fit-territorju tiegħu.
- (5) Huwa meħtieġ li l-mudell ta' dawn il-listi jkun armonizzat kif ukoll il-mod kif ikunu trasmessi biex jitwaqqaf aċċess sempliċi għal-listi aġġornati għall-Komunità.
- (6) Il-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-listi ta' l-unità elenkati fl-Anness I għandhom ikunu trasmessi lill-Kummissjoni taħt Word 97 (jew preċedenti), Excel 97 (jew preċedenti) jew format pdf fl-indirizz elettroniku li ġej: Inforvet@cec.eu.int.

Il-listi għandhom isiru skond il-formati tal-mudell elenkati fl-Anness II.

Kull modifikazzjoni tal-format jew bdil fid-destinazzjoni għandu jkun notifikat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat Veterinarju Permanenti.

⁽¹⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.

⁽²⁾ ĠU L 163, ta' l-4.7.2000, p. 35.

⁽³⁾ ĠU L 194, tat-22.7.1988, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1989, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.

⁽⁶⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 62.

⁽⁷⁾ ĠU L 242, ta' l-14.9.1999, p. 20.

⁽⁸⁾ ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.

⁽⁹⁾ ĠU L 371, tal-31.12.1994, p. 14.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Jannar 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

1. Ċentri ta' laqgħat approvati skond l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 64/432/KEE, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 90/426/KEE u l-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 91/68/KEE.
 2. Ċentri ta' kollezzjoni ta' sperma approvati skond l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 88/407/KEE u l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 90/429/KEE.
 3. Timijiet li jiġbru l-embrijoni approvati b'mod konformi ma' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/556/KEE.
-

L-ANNEX II

Kull lista jkollha fuqha waħda mill-intestaturi li ġejjin. Dawn l-intestaturi jinkludu n-numru ta' l-indiċi tal-lista, d-definizzjoni ta' l-unità ikkonċernata, il-kodiċi ta' l-ISO ta' l-Istat Membru u d-data tal-verżjoni tal-lista (il-jum/ix-xahar/is-sena). Il-unità għandhom ikunu elenkati bin-numru ta' approvazzjoni jew reġistrazzjoni f'ordni numeriku skond il-formats mudelli mogħtija f'dan l-Anness.

I. Ċentri ta' laqgħat

a)

- Lista ta' ċentri ta' laqgħat approvati għal kummerċ bejn il-Komunità f'annimali ta' l-ispeċi bovina (Direttiva 64/432/KEE), ekwina (Direttiva 90/426/KEE), ovina u kaprina (Direttiva 91/68/KEE)
- (Il-kodiċi ISO ta' l-Istat Membru)
- (Data tal-verżjoni)

Kodiċi ta' l-ISO	Numru ta' approvazzjoni	Isem iċ-ċentru tal-laqgħat	Indirizz taċ-ċentru tal-laqgħat	Numru tat-telefon, numru tal-fax, indirizz elettroniku	Speċi
------------------	-------------------------	----------------------------	---------------------------------	--	-------

b)

- Lista ta' ċentri approvati tal-laqgħat għal kummerċ intrakomunitarju ta' annimali ta' speċi porċina (Direttiva 64/432/KEE).
- (kodiċi ta' l-ISO ta' l-Istat Membru)
- (Data tal-versjoni)

Kodiċi ta' l-ISO	Numru ta' approvazzjoni	Isem iċ-ċentru tal-laqgħat	Indirizz taċ-ċentru tal-laqgħat	Numru tat-telefon, numru tal-fax, indirizz elettroniku
------------------	-------------------------	----------------------------	---------------------------------	--

II. Ċentri ta' ġbir ta' l-isperma

a)

- Lista ta' ċentri ta' ġbir ta' l-isperma approvati għal kummerċ intrakomunitarju ta' sperma ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina (Direttiva 88/407/KEE)
- (Il-kodiċi ISO ta' l-Istat Membru)
- (Data tal-verżjoni)

Kodiċi ta' l-ISO	Numru ta' reġistrazzjoni	Isem taċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma	Indirizz taċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma	Numru tat-telefon, numru tal-fax, indirizz elettroniku
------------------	--------------------------	--	--	--

b)

- Lista ta' ċentri approvati tal-ġbir ta' l-isperma għal kummerċ bejn il-Komunità ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi porċina (Direttiva 90/429/KEE)
- (Il-Kodiċi ta' l-ISO ta' l-Istat Membru)
- (Data tal-versjoni)

Kodiċi ta' l-ISO	Numru ta' reġistrazzjoni	Isem iċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma	Indirizz taċ-ċentru tal-ġbir ta' l-isperma	Numru tat-telefon, numru tal-fax, indirizz elettroniku
------------------	--------------------------	---------------------------------------	--	--

III. Tim li tiġbor l-embrijoni

- Lista ta' timijiet approvati li jiġbru l-embrijoni għal kummerċ fil-Komunità f'embrijoni u ovuli ta' animali domestiċi ta' l-ispeċi bovina (Direttiva 89/556/EEC)
- (Il-kodiċi ta' l-ISO ta' l-Istat Membru)
- (Data tal-versjoni)

Il-kodiċi ISO	Numru ta' Reġistrazzjoni	Isem it-tim veterinarju (i)	(ET jew ET/IVF) (*) Indirizz tat-tim veterinarju(i)	Numru tat-telefon, numru tal-fax, indirizz elettroniku
---------------	--------------------------	-----------------------------	--	--

(*) ET għat-tim tal-ġbir ta' l-embrijoni, ET/IVF għat-tim tal-produzzjoni ta' l-embrijoni.